MALTA

# QORTI KOSTITUZZJONALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**

**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**

**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

**ONOR. IMHALLEF**

**NOEL CUSCHIERI**

Seduta ta' l-24 ta' April, 2015

Appell Civili Numru. 23/2012/1

***Castle Hill Limited (C 14270)***

***v.***

**L-Onorevoli Prim Ministru; l-Avukat Ġenerali tar-Repubblika; il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud; il-Kummissarju tat-Taxxi u b'digriet tal-4 ta' Ġunju 2012 il-Qorti ordnat li ssir korrezzjoni fl-okkju fis-sens li l-**

**Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud għandu jaqra Direttur Ġenerali (Taxxa fuq il-Valur Miżjud)**

1. Dan huwa appell tal-attriċi *Castle Hill Limited* minn sentenza mogħtija fit-3 ta' Ottubru 2014 mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-kompetenza tagħha kostituzzjonali li ċaħdet talba tas-soċjetà attriċi għal rimedju minħabba dak li l-attriċi qieset bħala disriminazzjoni fil-mod kif mexa magħha d-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud. Il-fatti relevanti huma dawn:

2. L-attriċi għandha negozju ta' *cinema/audiovisual shows* bl-isem ta' *Gozo 360* f'Għawdex, u fuq is-servizzi tagħha żżomm taxxa fuq il-valur miżjud bir-rata mnaqqsa ta' ħamsa fil-mija (5%) flok dik normali ta' tmintax fil-mija (18%). Id-Direttur Ġenerali (Taxxa fuq il-Valur Miżjud) ["id-Direttur Ġenerali"] ħareġ stima kontra l-attriċi fuq il-premessa illi din kellha tiġbor taxxa bir-rata ta' 18% u għalhekk talab ħlas ta' tmienja u għoxrin elf, seba' mija u tnejn u tletin euro u sitta u għoxrin ċenteżmu (€28,732.26).

3. L-attriċi ikkontestat din l-istima iżda b'sentenza mogħtija fit-30 ta' Novembru 2011 fil-kawża fl-ismijiet <u>*Castle Hill Limited v.* Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud</u> il-Qorti tal-Appell iddieċidiet billi:

> "Tiddikjara li l-provista għad-dħul għal *cinema* tas-socjetà appellata [*Castle Hill Ltd*] inkluż dawk biex jintwerew il-*films* magħrufa bħala *Gozo 360* u ġeneralment allura kull provista ta' kull dħul fl-istess *cinema* għandha titħallas fuqha t-Taxxa fuq il-Valur Miżjud normali ta' 18% u mhux dik ta' 5% kif sottomess mis-socjetà appellata."

4. L-attriċi għalhekk ma setgħetx tkompli żżomm taxxa bir-rata mnaqqsa u kellha tħallas is-somma mitluba ta' tmienja u għoxrin elf, seba' mija u tnejn u tletin euro u sitta u għoxrin ċenteżmu (€28,732.26).

5. Ftit xhur wara l-attriċi saret taf illi l-istess kwistjoni dwar jekk kellhiex tinġabar taxxa bir-rata normali jew b'dik imnaqqsa kienet qamet f'każ ieħor, u b'sentenza mogħtija fis-26 ta' Ottubru 2011 fil-kawża fl-ismijiet Il-Pulizija *v.* Sandra Sant Manduca il-Qorti tal-Appell Kriminali kienet osservat illi:

> "L-appellanti [Sandra Sant Manduca] ġiet akkużata illi ħarġet irċevuti li kienu jqarrqu f'rigward materjali. Din il-qorti hi tal-fehma illi minn imkien ma jirrizulta illi l-appellanti b'xi mod riedet tqarraq a detriment tal-*fisco*. Difatti qabel ma bdiet toħroġ l-irċevuti, *tramite* l-*accountant* tagħha li kkuntattja lid-dipartiment konċernat, hija ġiet mgħarrfa li l-*VAT* kellu jkun ta' 5%."

6. L-attriċi għalhekk tgħid illi hi u Sandra Sant Manduca (li wkoll tmexxi negozju li joffri *audiovisual presentations*) ma ġewx trattati l-istess u, fil-fehma tal-attriċi, "it-*tax ruling* favorevoli illi l-Kummissarju tal-*VAT* ħareġ lil terz b'mod diskriminatorju kiser id-dritt tal-esponent għal smigħ xieraq". L-attriċi għalhekk fetħet il-kawża tallum u talbet illi l-qorti tgħid illi bl-għemil tad-Direttur Ġenerali nkisru d-drittijiet tagħha mħarsa taħt l-art. 14 tal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali ["il-Konvenzjoni"] abbinat

(i) mal-art. 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni [“l-Ewwel Protokoll”] u (ii) mal-art. 6 tal-Konvenzjoni, u d-drittijiet ukoll imħarsa taħt l-art. 39(2) tal-Kostituzzjoni ta’ Malta [“il-Kostituzzjoni”]. Talbet ukoll illi l-qorti (iii) tgħid illi, bħal Sandra Sant Manduca, hija għandha tiġbor taxxa bir-rata mnaqqsa ta’ 5%, u għalhekk (iv) tħassar is-sentenza kontrieha tat-30 ta’ Novembru 2011, (v) tordna lid-Direttur Ġenerali jrodd is-somma ta’ tmienja u għoxrin elf, seba’ mija u tnejn u tletin euro u sitta u għoxrin ċenteżmu (€28,732.26), (vi) tiffissa kumpens xieraq u (vii) tagħti kull rimedju u kumpens li jidhrulha xierqa.

7. Bis-sentenza li minnha sar dan l-appell l-ewwel qorti, wara li ħelset lill-Prim’Ministru, lill-Avukat Ġenerali u lill-Kummissarju tat-Taxxi mill-ħarsien tal-ġudizzju, ċaħdet it-talbiet tal-attriċi, bl-ispejjeż. Fissret hekk ir-raġunijiet li wasluha għal din id-deċiżjoni.

> “Il-każ jitratta dwar Taxxa Fuq il-Valur Miżjud li għandha titħallas fuq *cinema/audiovisual show* bl-isem *Gozo 360*. F’*brochure* li ppreżentat ir-rikorrenti din l-attività hi deskritta:
>
> > ““*Now the very essence of Gozo has been captured in a stunning sound and vision experience. More than a thousand colour pictures have been combined to create an entertainment which will delight you with its music, legend, tapestry of history and spectacular scenery. In a little under half an hour, we will give you a glimpse of Gozo’s past and an insight into Gozo of today*.
> >
> > “*Sit back in air-conditioned comfort, select the commentary language of your choice and be transported across the Gozitan countryside and across the centuries*”.
>
> “Ir-rikorrenti ssostni li r-rata tat-Taxxa Fuq il-Valur Miżjud għandha tkun ta’ 5%, filwaqt li d-Dipartiment isostni li r-rata għandha tkun ta’ 18%.
>
> “Ir-rikorrenti tallega diskriminazzjoni għaliex hemm ħaddieħor li qiegħed jitħalla jitlob rata ta’ Taxxa Fuq il-Valur Miżjud ta’ 5%. F’dan ir-rigward għamlet riferenza għall-*Imdina Experience* li tittella’ minn *San Pedro International Limited*.
>
> “… … …

"Konsiderazzjonijiet.

"L-intimati onorevoli Prim'Ministru, Kummissarju tat-Taxxi u l-Avukat Ġenerali qalu li m'humiex il-leġittimi kontradittturi. ... ... ... Mir-rikors promotur hu altru milli evidenti li l-ilment tar-rikorrenti hu fil-konfront tad-Dipartiment tat-Taxxa Fuq il-Valur Miżjud. Fil-fatt ir-rikorrenti ppremettiet li wara sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fil-każ <u>Il-Pulizija *v.* Sandra Sant Manduca</u> tas-26 ta' Ottubru 2011, kien:

> ""… irriżulta biċ-ċar illi filwaqt illi l-Kummissarju tal-*VAT* kien qed jimxi ma' negozju Għawdxi b'mod, mal-kompetitur tiegħu Malti kien qed jimxi mod ieħor. Filwaqt li negozjant Malti kien qed igawdi minn *tax ruling* favorevoli, l-esponent negozjant Għawdxi ma kien qed jingħata l-ebda trattatament daqshekk favorevoli."

"Kompliet tgħid li mill-atti ta' dawk il-proċeduri kriminali toħroġ b'mod lampanti d-diskriminazzjoni:

> ""… għaliex l-esponent u Sant Manduca ma tqegħdux *on a leval playing field* u l-Kummissarju intimat kien ferm aktar permessiv u ġeneruż ma' Sant Manduca milli kien mal-esponent."

"Ġaladarba l-ilment tar-rikorrenti hu fil-konfront tad-Dipartiment tat-Taxxa Fuq il-Valur Miżjud u meħud in konsiderazzjoni dak li jipprovdi l-artikolu [181B] tal-Kap. 12, bil-preżenza tad-Direttur Ġenerali tat-Taxxa Fuq il-Valur Miżjud il-ġudizzju hu diġà integru u ma kien hemm l-ebda ħtieġa li jitħarrku l-intimati l-oħra.

"Mill-provi rriżulta li b'sentenza tat-30 ta' Novembru 2011, il-Qorti tal-Appell fil-każ <u>*Castle Hill Limited v.* Il-Kummissarju tat-Taxxi Fuq il-Valur Miżjud</u> ddikjarat li:-

> ""… l-provista għad-dħul għal *cinema* tas-soċjetà appellata inkluż dawk biex jintwerew il-*films* magħrufa bħala *Gozo 360* u ġeneralment allura kull provista ta' kull dħul fl-istess *cinema* għandha titħallas fuqha t-Taxxa fuq il-Valur Miżjud normali ta' 18% u mhux dik ta' 5% kif sottomess mis-soċjetà appellata."

"Għalhekk hemm deċiżjoni ta' qorti li t-Taxxa Fuq il-Valur Miżjud hi ta' 18%. Dan wara li kkonkludiet li s-*slide show Gozo 360* ma jikkwalifikax bħala mużew, esebizzjoni artistika, kunċert u teatru (paragrafu 10 tal-artikolu 3 tal-Avviż Legali [446] tas-sena 2007).

"Għaldaqstant, jekk id-dipartiment qiegħed jinsisti li r-rikorrenti tiġbor mingħand il-klijent *VAT* b'rata ta' 18%, qiegħed sempliċiment japplika l-liġi kif applikata mill-Qorti tal-Appell. Dan irrispettivament x'qiegħed jagħmel ħaddiehor. Għalkemm fir-raba' talba r-rikorrenti talbet li din il-qorti tħassar is-sentenza tal-Qorti tal-Appell, dan ma jista' jsir qatt. Sentenza li ngħatat wara proċess ġudizzjarju fejn il-qorti interpretat il-liġi għal fattispeċje tal-każ li jkollha quddiemha u li tkun għaddiet f'ġudikat, ma tista' qatt titħassar fuq il-pretest li d-dipartiment qiegħed jimxi mod ieħor ma' terzi.

*"F'affidavit* Angelo Cefai, direttur tal-kumpannija rikorrenti, qal:

> ""Però minn dak li kkonfermajna riċentement, u *cioè* bid-deċiżjonijiet li rreferejna għalihom fir-rikors tagħna, id-Dipartiment tat-Taxxi Interni ma ħax l-istess posizzjoni ma' min jopera attività eżatt bħal tagħna

> ġewwa Malta. Fil-fatt, dan id-dipartiment iddikjara kemm-il darba li l-operaturi tal-*audiovisual show* li tiġi murija fl-*Imdina Experience*, u liema *audovisual show* hija eżattament tal-istess stil u tip bħax-*show* tagħna, għandhom jiċċarġjaw *VAT* bir-rata ta' 5% fuq it-*tickets* tagħhom."

"Fir-rikors promotur ir-rikorrenti għamlet riferenza għal sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tas-26 ta' Ottubru 2011 fil-każ Il-Pulizija *v.* Sandra Sant Manduca (25/2011). F'dawk il-proċeduri l-imputata ġiet akkużata li fit-8 ta' Novembru 2008, f'*The Mdina Experience*, Misraħ Mesquita, Mdina, ħarġet riċevuta fiskali li ma kenitx korretta għaliex fuq ir-riċevuta indikat provvista taxxabbli b'rata ridotta ta' 5% minflok bir-rata ta' 18%. Jirriżulta li l-ewwel qorti kienet sabet lill-imputata ħatja. Fl-appell is-sentenza ġiet imħassra u l-imputata liberata. Il-Qorti tal-Appell osservat:

> ""L-appellanti ġiet akkużata illi ħarġet irċevuti li kienu jqarrqu f'rigward materjali. Din il-qorti hi tal-fehma illi minn imkien ma jirriżulta illi l-appellanti b'xi mod riedet tqarraq a detriment tal-*fisco*. Difatti qabel ma bdiet toħroġ l-irċevuti, *tramite* l-*accountant* tagħha li kkuntattja lid-dipartiment konċernat, hija ġiet mgħarrfa li l-*VAT* kellu jkun ta' 5%."

"Il-qorti ma tarax li dak li ngħad fis-sentenza hu prova li d-dipartiment qiegħed jimxi b'*two weigħts and two measures*. F'dan ir-rigward il-qorti tosserva:-

"i. m'hemmx prova dwar min setgħet kienet il-persuna fid-dipartiment li suppost ta parir lill-*accountant* ta' Sant Manduca li r-rata ta' *VAT* kellu jkun ta' 5%;

"ii. il-kwistjoni li ġiet determinata mill-Qorti tal-Appell Kriminali kienet dwar jekk l-appellanti kenitx taf li l-attività tagħha kienet soġġetta għar-rata ta' taxxa ta' 18% u madankollu kienet qiegħda tiġbor 5%. Il-qorti kkonkludiet li ma kenitx taf u għalhekk ma kenitx ħatja tar-reat;

"iii. tant id-dipartiment ma kienx qiegħed jitratta lir-rikorrenti u lil Sant Manduca b'mod differenti li:

"(a) fit-8 ta' Novembru 2008 id-dipartiment għamel spezzjoni fir-rigward tal-*Imdina Experience* u *San Pedro International Limited* kienet intalbet tiġbor taxxa ta' 18%. Għalkemm dik il-kumpannija kienet qiegħda ssostni li *Mdina Experience* kellha tkun soġġetta għal taxxa ta' 5%, id-dipartiment baqa' jinsisti fuq rata ta' 18%. Dan fih innifsu juri kemm *San Pedro International Limited* ma kenitx qiegħda tiġi aġevolata meta paragunata ma' negozjanti oħra. Fil-fatt jirriżulta wkoll li kien fl-4 ta' Diċembru 2008 li saret spezzjoni għand ir-rikorrenti u "… inġibdet l-attenzjoni tas-sur Loporto li r-rata kellha tkun 18% u mhux 5% għax skont id-Dipartiment l-*audiovisual show* ma kienx meqjus bħala dħul ġewwa mużew u allura ma kienx jaqa' taħt il-Partita 10 tat-Tmien Skeda li tinsab mal-Att dwar it-Taxxa Fuq il-Valur Miżjud" – *fol*. 197, *affidavit* tad-Direttur Ġenerali (Taxxa Fuq il-Valur Miżjud). Għalhekk hu evidenti li

d-dipartiment mexa bl-istess mod fil-konfront tar-rikorrenti u *San Pedro*;

“(b) ittieħdu proċeduri kriminali kontra Sandra Sant Manduca ta’ *San Pedro International Limited*. Għalhekk id-dipartiment ma baqax passiv. Dan fih innifsu juri li Sant Manduca ma ngħatatx xi trattament speċjali;

“(ċ) mis-sentenza jirriżulta li d-dipartiment kien qiegħed jinsisti li l-*Imdina Experience* kien soġġett għal taxxa ta’ 18%. Jirriżulta wkoll li din il-kwistjoni spiċċat quddiem il-Bord tal-Appelli dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud li b’deċiżjoni tas-7 ta’ Ottubru 2010 iddeċieda li “… *audio visual shows* ta’ natura kulturali jitqiesu bħala attività teatrali”. Id-dipartiment appella minn dik id-deċiżjoni. Fatt li fih innifsu hu prova li ma ngħatax trattament preferenzjali lil *San Pedro International Limited*. B’sentenza tas-7 ta’ Frar 2012 il-Qorti tal-Appell laqgħet l-appell u ddikjarat li l-*audiovisual show* ta’ *San Pedro International Limited* kellu jkun soġġett għal rata ta’ 18% taxxa. Għalhekk id-dipartiment baqa’ jinsisti li l-*Imdina Experience* kien soġġett għal rata ta’ taxxa ta’ 18%, u ngħata raġun.

“Kien biss lejn l-aħħar tal-proċeduri li r-rikorrenti bdiet tgħid li t-trattament preferenzjali ngħata fir-rigward tal-attivitajiet *Medieval Times* u *Knights Museum*. Fir-rikors promotur ma saret l-ebda riferenza għalihom. Madankollu dwar dawn l-attivitajiet Alessandra Sant Manduca qalet li:-

“• dawn l-attivitajiet isiru f’bini differenti;

“• fil-bini hemm mużew;

“• dawn l-attivitajiet m’humiex ta’ *San Pedro International Limited*.

“• fil-*Medieval Times* m’hemmx filmati; “Il-klijent jiġi u joqgħod idur mal-kmamar u jara l-affarijiet esposti. Hi *exhibition*”;

“• fin-*Knights Museum* hemm figuri lebsin ta’ Kavallieri u mbagħad f’kamra jintwera filmat qasir. Però f’rapport li sar minn spetturi tad-dipartiment wara spezzjoni li saret fis-7 ta’ Jannar 2013, jingħad:-

> ““*The Knights of Malta.*
>
> “*The Knights of Malta is a walk through experience: at first one enters with a guide who gives appropriate directions, then leaves the visitor to proceed through the exhibits. One stops at every wax figure scene where the commentary is given through the headset provided. After every commentary ends, the visitor is instructed to move on to the next scene and switches on the next scene whilst switching off the previous one. The walk-through takes between 20 to 25 minutes and is on everyday between 10.00 and 17.00.* ***There is no film shown***. *This is classified with the reduced rate.*” (enfazi miżjuda).

“… … …

> "Mill-provi ma jirriżultax li dan hu każ ta' *like with like*. F'kull każ ukoll m'hemmx prova li d-dipartiment qiegħed jagħti xi trattament preferenzjali lill-kumpanniji li joperaw dawn il-postijiet.
>
> "Il-konkluzjoni tal-qorti hi li m'hemm prova li hemm *difference in treatment* bejn ir-rikorrenti u negozjanti oħra. Għalhekk tfalli t-teżi tar-rikorrenti."

8. L-attriċi appellat minn din is-sentenza b'rikors tas-17 ta' Diċembru 2014 li għalih wieġbu l-konvenuti fis-7 ta' Jannar 2015. L-aggravji tal-attriċi ġew minnha mfissra fil-qosor hekk:

> "(a) Illi *in vista* tal-perjodu transitorju illi qegħdin fih il-kawża ġiet korrettament intavolata kontra l-Prim'Ministru, l-Avukat Ġenerali, il-Kummissarju tat-Taxxi u l-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud;
>
> "(b) Illi, kuntrarjament għal dak ritenut fl-imsemmija sentenza, id-diskriminazzjoni rigward l-operat ġewwa l-fond *Knights Museum* huwa każ ta' *like with like* u l-*preferential tax treatment* illi ngħata lil ta' Sant Manduca huwa wieħed diskriminatorju;
>
> "(ċ) Illi huwa pależi illi d-deċiżjoni tal-kummissarju intimat illi jokkonċedi r-rata preferenzjali lil ta' Sant Manduca kienet bażata fuq żball u deċiżjoni bażata fuq żball amministrattiv ma tista' qatt tkun kompattibli mal-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni."

9. L-ewwel aggravju huwa dwar il-ħelsien tal-Prim'Ministru, tal-Avukat Ġenerali u tal-Kummissarju tat-Taxxi mill-ħarsien tal-ġudizzju. Dan l-aggravju huwa, fil-fehma tal-qorti, fieragħ. L-art. 181B tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili jgħid ċar illi:

> **"181B.** (1) Il-Gvern għandu jkun rappreżentat fl-atti u fl-azzjonijiet ġudizzjarji mill-kap tad-dipartiment tal-gvern li jkun inkarigat fil-materja in kwistjoni:"

10. Ladarba l-gvern huwa biżżejjed rappreżentat mid-Direttur Ġenerali (Taxxa fuq il-Valur Miżjud), li huwa l-kap tad-dipartiment inkarigat fil-materja in kwistjoni, ma kien hemm ebda ħtieġa illi jkunu mħarrka wkoll il-konvenuti l-oħra. L-aggravju huwa għalhekk miċħud.

11. It-tieni aggravju jisħaq fuq dak illi l-attriċi tqisu trattament diskriminatorju kontrieha u trattament preferenzjali għal ħaddieħor. Tfisser dan l-aggravju hekk:

> "Illi r-rikors promotur infetaħ fuq il-premessa illi kienet saret diskriminazzjoni fiskali bejn l-esponenta [*sic*] u ta' Sant Manduca. Issa ħareġ illi dawn ta' Sant Manduca joperaw tliet *outlets* taħt diversi kumpanniji *cioè* l-*Imdina Experience*, in-*Knights Museum* u l-*Medeival Times*. Għal dak illi huwa n-*Knights Museum* id-diskriminazzjoni kienet wahda ċara għaliex in-*Knights Museum* ġie permess japplika rata ta' *VAT* preferenzjali għal servizzi simili ħafna għal dawk offerti mill-esponenta. In-*Knights Museum* ta' Sant Manduca ġie permess jiċċargja *VAT* bir-rata preferenzjali ta' 5% u l-esponent ma ngħatax l-istess privileġġ u dan il-fenomenu ħalaq diskriminazzjoni ċara (differenza ta' 13% *VAT*).
>
> "Illi l-*unequal tax treatment* konċess lil ta' Sant Manduca fin-*Knights Museum* kien wieħed attribwibbli għal żball amministrattiv. Meta d-Dipartiment tal-*VAT* ippermetta lin-*Knights Museum* japplikaw ir-rata ta' 5% għamel dan taħt l-impressjoni żbaljata illi fin-*Knights Museum* ma kienx jintwera *film* iżda ta' Sant Manduca stess xehdu illi fin-*Knights Museum* kien jintwera *film*. B'hekk il-bażi legali għall-*unequal tax treatment* waqgħet. Dan kollu ħareġ fil-brani mix-xiehda riprodotti fl-istess sentenza. B'hekk, dan il-malintiż irriżulta f'*unequal tax treatment* mingħajr l-ebda ġustifikazzjoni legali (appuntu għax bażat fuq impressjoni ħażina dwar l-operat tan-*Knights Museum*, tal-*VAT* kienu mingħalihom illi ma jintweriex *film* meta fil-fatt kien qed jintwera *film*).
>
> "Illi l-fenomenu deskritt irid jinqara fil-kwadru tal-fattispeċje tal-każ kollu. Il-*casus belli* nħalaq minn nottizja pubblikata f'sentenza tal-qrati kriminali illi ħarġet illi, diversament mill-esponenti, ta' Sant Manduca kienu ngħataw is-setgħa illi jiċċarġjaw *VAT* bir-rata tal-5%. Huwa minnu illi, sussegwentement, id-dipartiment insista għar-rata ta' 18% għall-*Imdina Experience* imma irriżulta illi meta għamel dan qabeż in-*Knights Museum* u qabeż in-*Knights Museum* għaliex kien mingħalih illi fin-*Knights Museum* ma jintweriex *fIlm*. Din l-iżvista rriżultat f'sitwazzjoni fejn l-esponent kien jiċċarġja *VAT* bit-18% u ta' Sant Manduca gawdew ir-rata preferenzjali ta' 5% u din ħalqet diskriminazzjoni.
>
> "… … …
>
> "Il-każ hu wieħed ta' *like with like*, żewġ stabilimenti illi joffru l-istess esperjenza awdjo-viżiva iżda bl-esponenta kostretta tiċċarġja *VAT* b'rata ogħla minn dik konċessa lil ta' Sant Manduca fin-*Knights Museum*."

12. Il-premessa tal-allegazzjoni ta' diskriminazzjoni hija illi persuna oħra fl-istess sitwazzjoni tal-attriċi ngħatat trattament differenti mingħajr ebda

raġuni li tiġġustifika din id-differenza. Għandu jingħad ukoll – għal-kemm l-attriċi tidher illi ma tagħtix importanza għal dan – illi din id-differenza fit-trattament tolqot it-tgawdija ta’ dritt fondamentali tal-attriċi, speċifikament, fil-każ tallum, il-jedd għat-tgawdija tal-proprjetà u l-jedd għal smigħ xieraq.

13. Huwa ovvju mill-bidunett illi l-attriċi ma tista’ tilmenta minn ebda diskriminazzjoni fit-tgawdija tal-jedd għal smigħ xieraq, għax ressqet l-argumenti tagħha dwar ir-rata ta’ taxxa applikabbli mhux biss quddiem il-Bord tal-Appell dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud iżda wkoll quddiem il-Qorti tal-Appell. Lanqas ma jista’ jingħad illi hemm tfixkil mhux leċitu fil-jedd għat-tgawdija tal-proprjetà meta l-attriċi tkun imġiegħla tħallas taxxa leġittimament imposta, meta tqis illi kien bis-saħħa ta’ deċiżjoni ġudizzjarja wara smigħ kif trid il-liġi illi ġie stabilit illi ir-rata ta’ taxxa li biha jintlaqat is-servizz li tagħti l-attriċi huwa ta’ 18%, u ma ġie muri b’ebda mod li dik id-deċiżjoni kienet waħda arbitrarja jew irraġjonevoli. Ma jidhirx għalhekk illi l-ilment tal-attriċi huwa wieħed illi jista’ jinġieb fl-ambitu tal-art. 14 tal-Konvenzjoni.

14. Lanqas ma huwa l-każ illi l-attriċi u n-*Knights Museum* huma fl-istess sitwazzjoni fattwali f’dawk li huma l-fatturi relevanti. Is-sitwazzjoni kif toħroġ mix-xiehda hija kif imfissra mill-konvenuti fit-tweġiba tagħhom:

> “… … … hija *exhibition* fil-maġġor parti tagħha dak li jseħħ fin-*Knights Museum*, però fin-*Knights Museum* jidher illi hemm ukoll filmat qasir, ħaġa illi ġiet a konoxxenza tad-Dipartiment wara l-preżentata ta’ dan ir-rikors kostituzzjonali. Kif spjega d-Direttur Ġenerali għat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud ta’ dak iż-żmien, Charles Vella, f’din l-eventualità jkollok

dak li jgħidulha *a composite supply* li tiġbed fiha *a composite rate*. Huwa mill-iktar ċar illi, *in ottima ipotesi*, l-unika ħaġa li jista' jkun qed iseħħ fin-*Knights Museum* huwa illi hija predominantement esebizzjoni fejn il-klijenti jduru u jaraw dawk l-oġġetti esposti fil-mużew u mbagħad b'mod subordinat biss hemm filmat qasir. Dak li huwa ċert hu li l-attività illi sseħħ fil-fond ġestit mis-soċjetà *Castle Hill Limited* hija purament, primarjament u esklussivament jew tal-inqas predominantement *an audio/visual show*, u *cioè cinema* mentri fil-każ tan-*Knights Museum* il-parti tal-filmat tassumi biss posizzjoni sekondarja għall-aħħar *vis-à-vis* l-attivitajiet u esebizzjonijiet illi predominantement iseħħu fl-attività kummerċjali tan-*Knights Museum*. … … … mhux il-każ illi wieħed iqabbel dan mal-attività illi qed isseħħ fll-fond ġestit mis-soċjetà appellanti *Castle Hill Limited.*"

15. Fiċ-ċirkostanzi fattwali tal-każ hemm differenza oġġettiva fis-sitwazzjoni tal-attriċi meta mqabbla ma' dik tan-*Knights Museum*: l-attriċi turi *film* f'*cinema* waqt li dak li toffri *Knights Museum* huwa esebizzjoni li parti żgħira minnha hija filmat. Dan jiġġustifika l-klassifikazzjoni differenti tal-attività li saret għall-għanijiet tat-taxxa b'mod illi ma jistax jingħad illi saret diskriminazzjoni illeċita kontra l-attriċi.

16. Anqas ma intwera jew mqar allegat li d-differenza fit-trattament kienet dovuta għal xi waħda mir-raġunijiet imsemmija fl-artikolu 14 tal-Konvenzjoni, anzi kif intwera fuq id-differenza kienet ġustifikata mir-raġuni oġġettiva tan-natura diversi tas-servizzi offruti mill-attriċi u minn *Knights Museum*.

17. Dan l-aggravju, li huwa wkoll x'aktarx fieragħ, huwa wkoll għalhekk miċħud.

18. It-tielet aggravju tal-attriċi hu illi kien bis-saħħa ta' żball amministrativ illi *Knights Museum* tħalliet tiġbor taxxa bil-5%:

> "Illi d-diskriminazzjoni nħalqet minn deċiżjoni amministrattiva. Għal dak illi jirrigwarda n-*Knights Museum* ħareġ biċ-ċar illi tali deċiżjoni amministrattiva kienet bażata fuq apprezzament żbaljat tal-fatti (*cioè* il-premessa ħażina illi fin-*Knights Museum* ma kienx jintwera *film*). B'hekk ir-*ratio decidendi* ta' tali deċiżjoni huwa żball aministrattiv.
>
> "Illi ġaldarba deċiżjoni kruċjali ttieħdet a bażi ta' żball amministrattiv isegwi illi tali deċiżjoni ma tteħditx *according to law* u b'hekk jirriżultaw l-estremi tal-vjolazzjoni tal-artikoli tal-Kostituzzjoni u Konvenzjoni kollha ċitati fir-rikors promotur."

19. Tassew, li hu relevanti għall-għanijiet ta' din il-kawża hu jekk hijiex leċita d-deċiżjoni illi l-attriċi għandha tħallas taxxxa bir-rata ta' 18%, u rajna illi din kienet deċiżjoni msejsa fuq raġunijiet oġġettivi u konfermata b'sentenza tal-Qorti tal-Appell wara smigħ kif trid il-liġi.

20. Barra minn hekk, l-allegazzjoni tal-attriċi illi kien bi żball amministrativ illi *Knights Museum* tħalliet tiġbor taxxa b'rata aktar baxxa hija għal-kollox gratuwita. Rajna illi s-sitwazzjoni fattwali differenti ta' *Knights Museum* tiġġustifika d-deċiżjoni amministrativa, bla ma hemm għalfejn ngħidu wkoll illi wara kollox żball amministrativ favur persuna ma jwassalx bilfors għall-ksur ta' jedd fondamentali ta' persuna oħra.

21. Dan l-aggravju, li bħal ta' qablu huwa x'aktarx fieragħ, huwa miċħud.

22. Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata. L-ispejjeż tal-appell tħallashom l-attriċi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------